**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

# DEGRIET KAMERALI

**Rikors Numru 104/2024DC**

***Daniel-Joe Meli (K.I. 267796M)***

***vs***

***L-Avukat ta' l-Istat u***
***L-Avukat Ġenerali***

Illum, 25 ta' Marzu 2024

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ta'l-attur preżentat fil-15 ta' Marzu 2024, permezz ta' liema għar-raġunijiet hemm premessi talab emenda fit-talbiet tiegħu fir-rikors promotur ai termini tal-Artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sens illi tiżdied is-segwenti talba:

> *Tiddikjara li l-artikolu 15(5) tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta tivvjola d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-liġi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma fil-21 ta' Marzu 2024 meta, minkejja li r-rikors kien għadu ma ġiex notifikat lill-konvenuti, l-avukat tagħhom iddikjara li huwa xorta kien f'pożizjoni li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li waqt l-istess udjenza miżmuma fil-21 ta' Marzu 2024 ir-rikors tħalla għal degriet kamerali.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jingħad li permezz tal-kawża odjerna fir-rikors promotur l-attur ippremetta (in suċċint) li:

- In segwietu għal investigazzjoni kondotta mill-FBI in konnessjoni ma' serviżżi illegali fil-kamp ta' l-informatika, inħareġ att ta'akkuża fil-konfront tiegħu mill-Grand Jury tal-Qorti Distrettwali tad-Distrett tat-Tramuntana ta' Georgia f'l-Istati Uniti ta'l-Amerika.
- Wara l-ħruġ ta' dan l-att ta' akkuża l-awtoritajiet kompetenti Amerikani talbu l-arrest u l-estradizzjoni tiegħu. Ir-rikorrent fil-fatt ġie arrestat f' Malta fis-7 ta' Frar 2024 u nġieb quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti. Dik il-Qorti fil-fatt ordnat it-treġġiegħ lura tar-rikorrenti lejn l-Istati Uniti ta'l-Amerika fit-8 ta' Frar 2024.
- Appella minn dak l-ordni minħabba li fil-fehma tiegħu l-ewwel Qorti Rimandanti kienet obbligata tistħarreġ il-qagħda mentali tiegħu qabel ma taċċetta l-kunsens tiegħu biex jiġi estradit.
- Permezz ta' sentenza datata s-27 ta' Frar 2024, il-Qorti ta'l-Appell Kriminali, mingħajr ma semgħet provi, ċaħdet l-appell.

Illi l-attur jikkontendi li l-proceduri ta' estradizzjoni *kienu s-suġġett ta' varji nuqqasijiet u żbalji li vvizzjaw il-proċedura u lledew d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq*. Huwa talab dikjarazzjoni f'dan is-sens u anke talab lil din il-Qorti tiddikjara nulli u bla effett is-sentenzi mgħotija fil-konfront tiegħu u talabha ukoll tagħti dawk l-ordnijiet opportuni *biex jitpoġġa f'istutus quo ante ta'l-imsemmija vjolazzjonijiet*.

Illi permezz tar-rikors odjern l-attur fil-waqt li jirreferi għall-artikolu 15(5) tal-Kapitolu 276, jgħid li l-fatt li skond din id-dispożizzjoni persuna li tkun aċċettat li tiġi estradita hija mċaħħda mid-dritt ta' appell ukoll jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq.

Illi l-konvenuti da parti tagħhom jikkontendu li dak li qed jintalab effettivament mhux korrezzjoni imma zieda fil-lanjanzi bil-konsegwenza li tali korrezzjoni ser tibdel is-sustanza ta'l-azzjoni u konsegwentement ta'l-eċċezzjonijiet. Huma jilmentaw ukoll li jekk tintlaqa' t-talba ser twassal biss għal dibattitu purament akkamdemiku għax kwalunkwe deċiżjoni dwar it-talba proposta mhux ser ikollha effett fuq il-pożizzjoni ta'l-attur.

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta'waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew* ***billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt*** *ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.*[1]

Illi minn qari tagħha m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li talbiet ai termini ta' din id-dispożizzjoni jistgħu isiru fi kwalunkwe stadju qabel is-sentenza u għalhekk anke fi stadju inoltrat; fil-każ in eżami l-kawża għada fi stadju inizjali tagħha.

Illi aktar minn hekk huwa ċar ukoll li din id-dispożizzjoni tippermetti diversi tipi ta' korrezzjonijiet u tagħti poteri wiesgħa lill-Qorti biex saħansitra jippermettu korrezzjonijiet f'każ ta' kull żball ieħor. Il-kejl prinċipali li għandu jservi ta' gwida fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti f'l-eżerċizzju tad-disprezzjoni tagħha huwa l-impatt o meno li ser ikollu it-tibdil propost fuq is-sustanza ta'l-azzjoni u ta'l-eċċezzjonijiet. U hija propju hawn id-diffikolta prinċipali f'l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni in eżami.

Ikkunsidrat

Illi f'sentenza mgħotija fis-27 ta' Marzu 2023 fil-kawża f'l-ismijiet ***Mario Philip Azzopardi vs Emanuel Delia*** din il-Qorti kif diversament presjeduta kellha l-opportunita tgħaddi in rassenja l-ġurisprudenza prevalenti in tema:

[1] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

*Jiġi osservat dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, riċentament, fid-digriet tagħha datat l-4 ta' Marzu 2022 fl-ismijiet Alfred Schwab vs Mr Green Limited, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:*

*"Ta' min iżomm f'moħħu hawnhekk, li l-artikolu 175 huwa mxekkel milli jintuża, jekk it-tiswija tkun tolqot xi eċċezzjoni dwar il-mertu tal-kawża u mhux meta din tolqot xi eċċezzjoni proċedurali jew preliminari";*

*Il-Qorti tosserva wkoll dak li qalet din il-Qorti, diversment preseduta, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Avv. Dr Mark Attard Montaldo et noe vs Salvatore sive Silvio Bugeja tad-19 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:*

***"L-Artiklu 175 tal-Kodiċi jagħti lill-Qorti setgħat ferm wiesa' biex issewwi difetti fl-atti, sakemm dak li tagħmel jew tordna ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża**."[2]*

*Ukoll, issir referenza ghad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza APS Bank Plc vs G.Caruana & Bros et, moghti fit-12 ta' Dicembru 2019 fejn intqal hekk:*

*"Illi huwa minnu li jekk tintlaqa' l-korrezzjoni, dan jista' teffettwa l-eċċezzjoni tan-nullita` mressqa minn uħud mill-konvenuti. B'danakollu, kif fuq spjegat, il-leġislatur, meta fi żminijiet riċenti fl-Art. 175(1) tal-kodiċi ritwali wara l-kliem "jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt... sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni" żied il-kliem "fuq il-mertu tal-kawża" huwa kompla jikkwalifika u allura jillimita iktar l-istanzi fejn ma jistax isir tibdil, billi issa jippermetti saħanistra bdil bla ebda limitu fis-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjoni li jkun ta' natura proċedurali u mhux fuq il-mertu."*

Illi f'sentenza mgħotija fid-29 ta' Novembru 2022 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza ***Avv Dr Marlon Borg vs Virtual Digital Services,*** intqal ukoll dwar l-artikolu 175 li

*14. Dan l-artikolu tal-liġi, li jaf l-oriġini tiegħu għall-ewwel kodiċi ta' organizzazzjoni u proċedura ċivili lura f'nofs is-seklu tmintax, serva tajjeb ħafna l-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'pajjiżna għaliex bis-saħħa tiegħu huma bla għadd il-każijiet li fihom ġie evitat li xi att afflitt*

[22] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

*minn xi żball iwassal għal tmiem hesrem tal-proċedura ġudizzjarja mingħajr ġudizzju filmertu bil-ħtieġa ta' intavolar ta' azzjoni ġdida bil-konsegwenti spejjeż addizzjonali u ħin mitluf.*

*15.* ***Ir-ratio wara dan l-artikolu huwa evidenti, sabiex jiġu evitati dupliċita' ta' kawżi u formaliżmu rigoruż li ħafna drabi jwassal sabiex jiġi stultifikat il-kunċett tal-ġustizzja***[3]*(Edwin Mirabelli noe vs James Gollcher et noe - Qorti tal-Appell - 14 ta' Marzu 1988).*

*16. Meta wieħed jifli f'liema ċirkostanzi sostituzzjoni ta' atti jew bidliet fl-iskrittura ma humiex permessi isib illi l-iskop wara tali restirzzjonijiet huwa li ma jiġux ippreġudikati d-drittijiet tal-parti li tkun qed topponi l-bidla mitluba. Għaliex lanqas għandu jkun li wara li tkun ġiet intavolata kawża fuq binarju partikolari, jiġi permess tibdil li jisposta l-azzjoni attriċi fuq binarju differenti minn dak oriġinali bil-konsegwenti preġudizzju li dan jista' jarreka lill-parti l-oħra. Il-massima legali electa una via, non datur recursus ad alteram tikkombaċja sew mar-ratio wara l-Artikolu 175.*

Illi għal kull bon fini il-Qorti tirrileva li r-referenza li saret mid-difensur tal-konvenuti għal-provediment mgħoti fil-kawża f'l-ismijiet *Dr Joseph Muscat vs L-Avukat ta'l-Istat* et fil-15 ta' Frar 2024 ma ssibx applikazzjoni fil-każ in eżami. F'dak il-każ it-talbiet originali ta'l-attur kienu jirreferu għall-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali bħala riżultat ta' sensiela ta' fatti li seħħew fil-kors ta', jew relatati ma', inkjesta dwar l-in genere. Permezz tat-talba ai termini ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12, l-attur f'dawk il-proċeduri, wara li allega li sensiela ta' fatti li seħħew waqt dawk il-proċeduri innifishom (ċioe il-proċeduri kostituzzjonali kif distinti mill-inkjesta) ukoll kienu jilledu drittijiet fundamentali tiegħu, talab li dawn il-lanjanzi ġodda naxxenti minn fatti kompletament separati u distinti, jiġu trattati f'dawk l-istess proċeduri.

Illi fil-każ in eżami c-cirkostanzi huma differenti għaliex il-lanjanza li l-attur odjern jixtieq iżied hija naxxenti minn, u b'referenza għall-fatti li fuqhom huma bażati l-lanjanzi u talbiet oriġinali. Tant li, waqt is-sottomissijiet id-difensnur ta'l-attur ikkonferma li trattazzjoni tal-lanjanza l-ġdida mhux ser tirrikjedi provi differenti jew aktar minn dawk rikjesti in sostenn tat-talbiet oriġinali. Għalhekk jidher li huwa seta' faċilment inkluda din il-lanjanza ukoll fir-rikors promotur, pero naqas li jagħmel hekk u issa qed jipprova jirrimedja għal dan in-nuqqas.

Illi f'dan ir-rigward l-Qorti ser tirreferi għal dak li ntqal minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza mgħotija fit-28 ta' Mejju 2012 fil-kawża f'l-

[3] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

ismijiet ***Joseph Genovese vs Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u Ippjanar et*** u cioe li *bidla ta' sustanza sseħħ meta tintalab li ssir bidla fit-talbiet tal-attur b'mod li n-natura nnifisha tal-azzjoni jew motiv ewlieni li jsejjisha, jinbidlu b'oħrajn*. Fil-każ in eżami ma jistax jingħad li l-bidla, ossia żieda, mitluba ser tibdel n-natura tal-kawża kif impostata jew il-motiv ewlieni li jsejjiesha.

Illi tenut ta' dan u f'l-ispirtu tal-ġurisprduenza fuq ċitata l-Qorti tqies li t-talba ta'l-attur għandha tintlaqa'.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba ta'l-attur dedotta fir-rikors preżentat fil-15 ta' Marzu 2024 u konsegwentement tawtorizza il-korrezjoni mitluba fir-rikors promotur, b'dan li l-konvenuti għandhom il-fakolta li, jekk jixtiequ, jippreżentaw risposta ulterjuri sat-3 ta' April 2024. Spejjez riżervati għal ġudizzju finali.

Il-Qorti qed tordna li kopja ta' dan id-degriet tinbagħat elettronikament lil Dr Arthur Azzopardi, Dr Franco Debono u Dr Julian Farrugia.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**